BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

# Gwida għall-konsultazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi

April 2025

# Werrej


**Kelmtejn qabel** 3

**1 Sfond għall-funzjoni konsultattiva tal-BĊE fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi** 4

**2 L-għanijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE** 7

**3 L-ambitu tal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat** 9

3.1 L-awtoritajiet li jikkonsultaw 9

3.2 L-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi koperti 10

3.3 L-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE 13

3.4 Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni 18

**4 Każijiet fejn il-BĊE jirrifjuta li jadotta opinjonijiet bi tweġiba għal talbiet għal konsultazzjoni** 21

4.1 Ittri ta' nuqqas ta' adozzjoni 21

4.2 Possibbiltà ta' talba informali 22

**5 Il-proċedura ta' konsultazzjoni** 23

5.1 Konsultazzjoni mal-BĊE fi żmien xieraq 23

5.2 It-talba għal opinjoni 24

5.3 Limiti ta' żmien 26

5.4 Rikonoxximent tal-irċevuta 27

5.5 Tħejjija u adozzjoni tal-opinjoni tal-BĊE 27

5.6 Ir-reġim lingwistiku 28

5.7 Trażmissjoni tal-opinjoni u l-eżami tagħha fil-fond 28

5.8 Pubblikazzjoni 29

**6 Konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat** 32

**7 Konsegwenzi legali minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat** 33

**Anness** 35

Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi 35

# Kelmtejn qabel

Għal bosta snin il-*Gwida għall-konsultazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi* serviet bħala għodda utli għall-awtoritajiet nazzjonali u l-pubbliku ġenerali. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-Istati Membri jitolbu l-parir tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Il-Gwida tagħti informazzjoni dettaljata dwar il-proċess li bih l-awtoritajiet nazzjonali jikkonsultaw lill-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Huwa meħtieġ li l-Gwida, li kienet ippubblikata għall-ewwel darba fl-2005 u aġġornata fl-2015, tiġi aġġornata biex tirrifletti l-aħħar esperjenza tal-BĊE b'konsultazzjonijiet bħal dawn, anke bil-benefiċċju ta' esperjenza ta' deċennju mill-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) fl-2014. Bħall-pubblikazzjonijiet tal-BĊE kollha l-oħra, din il-Gwida tesprimi l-impenn tal-BĊE lejn il-prinċipji ta' responsabbiltà u transparenza u tikkontribwixxi biex l-għanijiet u l-attivitajiet tal-BĊE jsiru iktar magħrufin.

Il-BĊE għalhekk aġġorna din il-Gwida biex jinforma u jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat, abbażi tal-aktar prattika reċenti tal-BĊE. Għal dan l-iskop, il-Gwida tispjega l-objettivi u l-ambitu ta' l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat u tiċċara l-proċedura li għandha tiġi segwita. Madankollu, il-Gwida ma tistax tipprovdi tweġiba għax-xenarji kollha possibbli b'ċertezza assoluta, u għalhekk inevitabbilment jibqa' meħtieġ li tiġi vvalutata l-ħtieġa li l-BĊE jiġi kkonsultat fuq bażi ta' każ b'każ, b'din il-Gwida bħala bażi ta' referenza.

Nemmen li din il-Gwida aġġornata se tkompli tqajjem kemm il-konsapevolezza tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kollha kkonċernati u twassal għal għarfien aħjar tal-funzjoni konsultattiva tal-BĊE. F'dan ir-rigward, il-Gwida hija maħsuba wkoll biex tħeġġeġ aktar użu tal-proċedura ta' konsultazzjoni għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE u b'hekk tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istati Membri.

Finalment, nixtieq nagħmel enfasi fuq l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċess leġiżlattiv u s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali/Eurosistema. Jiena ninsab kunfidenti li din il-pubblikazzjoni se tkompli tappoġġa din il-kooperazzjoni mill-qrib fl-interess reċiproku tal-partijiet kollha involuti.

Frankfurt am Main, April 2025.

Frank Elderson Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE

# 1 Sfond għall-funzjoni konsultattiva tal-BĊE fir-rigward ta’ abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") jagħti lill-BĊE funzjoni konsultattiva fir-rigward tal-atti tal-Unjoni proposti u abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-Istati Membri li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta’ kompetenza tiegħu. L-Artikolu 127(4) u l-Artikolu 282(5) tat-Trattat, li huma riprodotti fl-Artikolu 4 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-"Istatut SEBĊ"), huma f’dan ir-rigward il-bażi legali ewlenija tal-funzjoni konsultattiva tal-BĊE.

Il-qafas għall-konsultazzjoni tal-BĊE minn awtoritajiet nazzjonali huwa stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE[1] (“id-Deċiżjoni 98/415/KE”), li ilha fis-seħħ mill-1 ta’ Jannar 1999 u tapplika għall-Istati Membri kollha. Sal-2004, il-BĊE adotta medja ta' 30 opinjoni kull sena b'risposta għall-konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali. L-għadd ta’ Stati Membri żdied fl-2004, fl-2007 u fl-2013 u l-għadd ta’ opinjonijiet tal-BĊE dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali varja minn 2004 għal 2007, b’xejra ġenerali li qed tiżdied fl-għadd ta’ opinjonijiet adottati: 30 opinjoni fl-2004, 48 opinjoni fl-2005, 52 opinjoni fl-2006, u 35 opinjoni fl-2007. Minħabba t-taqlib fis-swieq finanzjarji mill-2008, l-għadd ta’ opinjonijiet tal-BĊE dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali żdied b’mod sostanzjali mill-2008 għall-2014, u laħaq l-ogħla livell ta’ 95 fl-2012.

Mill-2015, l-għadd ta’ opinjonijiet dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali reġa’ lura għal-livell ta’ qabel il-kriżi finanzjarja, li jvarja minn 52 opinjoni fl-2015 għal 35 opinjoni fl-2023 u 38 opinjoni fl-2024. Barra minn dan, fl-2015, il-BĊE ħa deċiżjoni strateġika importanti li tinfluwenza l-għadd ta’ opinjonijiet dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jadotta: iddeċieda li l-ebda opinjoni ma għandha tiġi adottata bi tweġiba għal konsultazzjoni dwar abbozz ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali fejn il-BĊE huwa tal-fehma li l-abbozz ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi jolqot biss marġinalment l-oqsma ta’ kompetenza tiegħu. B’riżultat ta’ din id-deċiżjoni, bejn l-2016 u l-2024 l-għadd ta’ okkażjonijiet fis-sena li fihom il-BĊE rrifjuta li joħroġ opinjoni b’reazzjoni għal konsultazzjonijiet nazzjonali jinqasam kif ġej: 2016 (25), 2017 (20), 2018 (4), 2019 (12), 2020 (12), 2021 (24), 2022 (15), 2023 (21), 2024 (19). Huwa importanti li jiġi enfasizzat, madankollu, li l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat skont id-Deċiżjoni 98/415/KE jibqa’ fis-seħħ u ma jinbidilx, anke jekk l-abbozz ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi jista’ jidher li jolqot biss marġinalment l-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE. Il-konsultazzjoni tal-BĊE hija proċess f’żewġ stadji. L-ewwel stadju jikkostitwixxi l-obbligu inizjali li jiġi kkonsultat il-BĊE meta l-atti legali proposti tal-Unjoni jew l-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-Istati Membri (anki

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 42). It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE huwa riprodott fl-Anness għal din il-Gwida.

marġinalment) jolqtu l-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE. It-tieni stadju jikkostitwixxi valutazzjoni mill-BĊE li tista’ twassal għall-adozzjoni ta’ opinjoni - jew għal ittra ta’ nuqqas ta’ adozzjoni meta l-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi jolqtu biss marġinalment l-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE, mingħajr ma jkollhom impatt sostanzjali fuqhom, inkluż meta l-għan esklussiv tagħhom ikun it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif deskritt fit-Taqsima 5.1 ta’ din il-Gwida.

**Artikolu 127(4) tat-Trattat:**

“4. Il-BĊE għandu jkun ikkonsultat:

- dwar kull att tal-Unjoni propost fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu,
- minn awtoritajiet nazzjonali dwar xi abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta’ kompetenza tiegħu, iżda fil-limiti u taħt il-kundizzjonijiet stipulati mill-Kunsill skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 129(4).

Il-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jippreżenta opinjonijiet lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenżiji xierqa tal-Unjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali fuq kwistjonijiet fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.”

**Artikolu 282(5) tat-Trattat:**

“5. Fl-oqsma tal-kompetenzi tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkonsultat dwar l-atti kollha proposti tal-Unjoni, u dwar kull proposta ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali, u jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.”

**Artikolu 4 tal-Istatut tas-SEBĊ:**

“Skont l-Artikolu 127(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

(a) il-BĊE għandu jiġi kkonsultat:

- dwar kull att tal-Unjoni propost fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu,
- minn awtoritajiet nazzjonali dwar kull abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta' kompetenza

  tiegħu, imma fil-limiti u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41;

(b) il-BĊE jista' jippreżenta l-opinjonijiet tiegħu lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenżiji tal-Unjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.”

**Artikolu 25.1 tal-Istatut tas-SEBĊ:**

“Il-BĊE jista' joffri parir lil u jiġi kkonsultat mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-iskop u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.”

Id-Deċiżjoni 98/415/KE hija abbozzata f'termini pjuttost ġenerali u, sabiex jiġi żgurat li hija effettiva għal kollox, il-leġiżlaturi nazzjonali għandu jkollhom fehim profond ta': (a) l-objettivi tagħha; (b) l-ambitu tal-obbligu ta' konsultazzjoni tal-BĊE; (c) il-proċedura li għandha tiġi segwita; u (d) l-effett li nuqqas ta' konsultazzjoni jista' jkollu fuq il-legalità tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Din il-Gwida tistrieħ fuq l-esperjenza tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE mill-1999 bil-għan li tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kollha involuti fit-tħejjija ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali b'dawn l-erba' aspetti sabiex b'hekk ikunu konxji għal kollox tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Din il-Gwida fiha wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-proċedura ta' konsultazzjoni. Madankollu, il-Gwida ma tistax tipprovdi tweġiba għax-xenarji kollha possibbli b'ċertezza assoluta, u għalhekk huwa kruċjali li tiġi vvalutata l-ħtieġa li l-BĊE jiġi kkonsultat fuq bażi ta' każ b'każ, b'din il-Gwida bħala bażi ta' referenza. Għall-fini tat-twettiq ta' tali valutazzjonijiet każ b'każ, il-BĊE jħeġġeġ lill-awtoritajiet jirrieżaminaw il-lista ta' opinjonijiet adottati reċentement u ittri ta' nuqqas ta' adozzjoni (ara t-taqsima 6.8.1) fuq EUR-Lex.

**Tabella 1**

Għadd ta' opinjonijiet tal-BĊE b'reazzjoni għall-konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-opinjonijiet fuq inizjattiva proprja (immarkati b'kulur differenti).




Sors: BĊE, data mill-EUR-Lex.

# 2 L-għanijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE

Fis-sentenza *OLAF*[2], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti") iċċarat l-għanijiet tal-Artikolu 127(4) tat-Trattat fir-rigward tal-obbligu li l-BĊE jiġu kkonsultat dwar kull att legali tal-Unjoni propost fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tiegħu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-obbligu huwa intiż "essenzjalment ...sabiex jiżgura li l-awtur ta' tali att jadottah biss wara li l-korp ikun ġie kkonsultat, li, permezz tal-funzjonijiet speċifiċi li huwa jeżerċita fil-kuntest Komunitarju fil-qasam ikkonċernat u permezz tal-grad għoli ta' espertezza li huwa jgawdi minnha, partikolarment jista' utilment jikkontribwixxi għall-proċess ta' adozzjoni previst".

Minkejja li s-sentenza *OLAF* għandha x'taqsam mal-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jikkonsultaw lill-BĊE dwar atti tal-Unjoni proposti, hija tgħin ukoll biex tiċċara l-obbligu tal-Istati Membri li jikkonsultaw lill-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali tagħhom. Mis-sentenza *OLAF* wieħed jista' jikkonkludi li l-objettiv prinċipali tad-Deċiżjoni 98/415/KE huwa li tagħmilha possibbli biex il-BĊE jipprovdi lil-leġiżlaturi nazzjonali, fi żmien xieraq, b'parir espert dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fir-rigward ta' kwistjonijiet fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Dan il-parir huwa maħsub biex jiżgura li l-qafas legali nazzjonali: (a) jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-BĊE u/jew tal-Ewrosistema/is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ); (b) huwa kumpatibbli mal-qafas legali tal-Eurosistema/SEBĊ u/jew tal-BĊE; u (c) huwa konformi mal-politika tal-Eurosistema/SEBĊ u/jew tal-BĊE.

L-obbligu ta' konsultazzjoni lill-BĊE skont id-Deċiżjoni 98/415/KE huwa mfassal biex jopera bħala sistema preventiva u biex jindika minn qabel problemi b'leġiżlazzjoni nazzjonali potenzjalment inkompatibbli jew inkonsistenti. Il-konsultazzjoni għandha għalhekk isseħħ meta d-dispożizzjoni leġiżlattiva tkun għadha fi stadju ta' abbozz, u b'mod partikolari aktar fi stadju fejn l-opinjoni tal-BĊE tista' tiġi kkunsidrata b'mod utli mill-awtoritajiet nazzjonali involuti fit-tħejjija u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

Fil-prattika, l-obbligu ta' konsultazzjoni lill-BĊE jagħmilha possibbli biex Stati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, inklużi l-istatuti tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jibqgħu kompatibbli mat-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ, kif previst fl-Artikoli 131 tat-Trattat u l-Artikolu 14.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

Il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita bid-Deċiżjoni 98/415/KE għandha għadd ta' vantaġġi oħra. Hija siewja bħala vettura għall-iskambju tal-informazzjoni u l-kompetenza. Il-konsultazzjonijiet huma mezz importanti kif il-BĊE jinżamm infurmat dwar żviluppi leġiżlattivi fl-Istati Membri fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Il-kompetenza li l-BĊE jikseb billi jeżamina abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li

[2] Kawża C-11/00, *Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew vs Il-Bank Ċentrali Ewropew, ECLI:EU:C:2003:395*, partikolarment il-punti 110 u 111 tas-sentenza. F'dak il-każ il-Qorti tal-Ġustizzja seddqet l-azzjoni tal-Kummissjoni u annullat id-Deċiżjoni BĊE/1999/5 tas-7 ta' Ottubru 1999 dwar il-prevenzjoni tal-frodi (ĠU L 291, 13.11.1999, p.36). Is-sentenza hija sinifikanti għall-kjarifika tagħha tar-rwol konsultattiv tal-BĊE billi l-Qorti, bi tweġiba għal talba mill-BĊE, eżaminat l-objettivi tal-Artikolu 127(4) tat-Trattat għall-ewwel darba.

dwarhom jiġi kkonsultat hija ta' valur għat-tfassil tal-pożizzjoni tal-BĊE innifsu, pereżempju f'fora tal-Unjoni jew internazzjonali fejn ikunu diskussi kwistjonijiet simili. Barra minn dan, filwaqt li jirrikonoxxu l-karatteristiċi partikolari tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-opinjonijiet tal-BĊE jinkoraġġixxu armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE u jikkontribwixxu biex itejbu l-kwalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, billi l-opinjonijiet tiegħu huma bbażati fuq il-kompetenza li l-BĊE akkwista fit-twettiq tal-kompiti[3]. L-opinjonijiet tal-BĊE jistgħu jikkostitwixxu wkoll sors li l-Qorti tista' tikkunsidra fi proċedimenti relatati mal-kompattibiltà mat-Trattat tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kkonċernati, u l-qrati nazzjonali jistgħu jieħdu kont tal-opinjonijiet tal-BĊE fi proċedimenti dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali kkonċernati.

Bħall-opinjonijiet ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, l-opinjonijiet tal-BĊE ma għandhom l-ebda forza vinkolanti, kif stipulat fl-Artikolu 288, il-ħames paragrafu, tat-Trattat. Fi kliem ieħor, il-leġiżaturi nazzjonali ma humiex obbligati li jsegwu l-opinjoni tal-BĊE. Madankollu, is-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni 98/415/KE hija mfassla biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun adottata biss wara kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-BĊE. Din is-sistema wriet li hi effettiva u leġiżlaturi nazzjonali ġeneralment qablu biex jemendaw jew saħansitra jirtiraw dispożizzjonijiet leġiżlattivi ppjanati, aktar milli adottaw leġiżlazzjoni li toħloq kunflitti mal-pożizzjoni tal-BĊE.

Finalment, l-obbligu ta' konsultazzjoni jikkontribwixxi għall-kommunikazzjoni esterna tal-BĊE mal-pubbliku ġenerali u s-swieq. Hija l-politika ġenerali tal-BĊE li jħeġġeġ it-trasparenza u, għal dan il-għan, l-opinjonijiet bi tweġiba għal konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali huma, bħala regola, ippubblikati fuq EUR-Lex minnufih wara l-adozzjoni tagħhom u t-trażmissjoni sussegwenti lill-awtorità li tikkonsulta.

---

[3] Ara l-paragrafu 140 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-11/00, li kienu approvati fil-paragrafu 110 tas-sentenza tal-Qorti fil-Kawża C-11/00.

# 3 L-ambitu tal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat

## 3.1 L-awtoritajiet li jikkonsultaw

**Artikoli 2(1) u (2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

“1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu skond it-Trattat (...).

2. B'żjieda ma' dan, l-awtoritajiet ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fuq l-istrumenti ta' politika monetarja.”

### 3.1.1 Il-firxa ta’ awtoritajiet koperti

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid ċar li l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat dwar abozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu huwa d-dmir ta’ "l-awtoritajiet ta’ l-Istati Membri". Billi d-Deċiżjoni 98/415/KE tapplika għall-Istati Membri kollha, l-awtoritajiet ikkonċernati mhumiex biss dawk tal-Istati Membri li adottaw l-euro ("l-Istati Membri taż-żona tal-euro"), imma wkoll dawk ta’ l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro ("l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro").

L-awtoritajiet ta’ l-Istati Membri huma “[l]-awtoritajiet [...] li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva”, kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE. Barra minn dan, mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jirriżulta li l-awtorità li tikkonsulta tista’ tkun differenti mhux biss mill-"awtorità li jkollha tapprova d-dispożizzjoni", imma wkoll mill-"awtorità li tkun ħejjiet dik id-dispożizzjoni".

Fil-prattika, il-BĊE kien ikkonsultat minn varjetà wiesgħa ta’ awtoritajiet. Fil-każ ta’ leġiżlazzjoni li tgħaddi mill-parlament nazzjonali, il-BĊE ġeneralment kien ikkonsultat mill-ministru responsabbli għat-tħejjija tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni li jaqa' fil-kamp ta' kompetenza tal-BĊE. Meta l-leġiżlazzjoni tinbeda minn membru tal-parlament nazzjonali pjuttost milli mill-gvern, l-obbligu tal-konsultazzjoni tal-BĊE ikun tal-parlament kif iddettaljat fit-Taqsima 34.1.2 ta’ din il-Gwida. Xi drabi dawn il-konsultazzjonijiet jiġu mgħoddija permezz ta’ BĊNi li jaġixxu f’isem l-awtorità li tikkonsulta. BĊNi u awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) jikkonsultaw ukoll lill-BĊE fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità bis-setgħat regolatorji tagħha stess jew, okkażjonalment, bid-dritt tagħha stess ta’ inizjattiva leġiżlattiva.

Fil-każ ta’ leġiżlazzjoni adottata b'xi proċedura oħra, il-BĊE huwa ġeneralment ikkonsultat mill-awtorità li hija kompetenti biex tadotta l-att ikkonċernat, pereżempju membru tal-gvern nazzjonali.

Finalment, il-BĊE kien jew ukoll ikkonsultat minn awtoritajiet nazzjonali li kienu involuti *de jure jew de facto* involuti fil-proċess ta' adozzjoni, pereżempju BĊNi, awtoritajiet superviżorji, awtoritajiet tal-kompetizzjoni, awtoritajiet kontra l-ħasil tal-flus u korpi speċifiċi bħal bordijiet għall-bidla għall-euro. F'dawn il-każijiet, il-BĊE kien tal-fehma li l-konsultazzjoni hija valida jekk ikun jidher li dawn l-awtoritajiet qed jaġixxu f'isem l-awtorità li tagħti bidu jew li tadotta.

### 3.1.2 Ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali

Il-parlamenti nazzjonali jistgħu wkoll ikunu awtoritajiet "li jħejju dispożizzjoni leġiżlattiva" għall-iskopijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE meta jiddiskutu abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE li jkunu ġew proposti minn wieħed jew aktar mill-membri tagħhom[4]. Il-parlamenti nazzjonali għandhom jiddeċiedu abbażi tar-regoli ta' proċedura tagħhom stess kif jikkonformaw mal-obbligu li jissottomettu, għall-opinjoni minn qabel tal-BĊE, abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkunu ġew proposti minn wieħed jew aktar mill-membri tagħhom u li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, sabiex jiġi żgurat kemm li tali konsultazzjonijiet jaslu għand il-BĊE wara li jkunu ġew inklużi fl-aġenda leġiżlattiva tal-parlament nazzjonali kif ukoll li l-BĊE jingħata biżżejjed żmien għall-adozzjoni tal-opinjoni tiegħu. Peress li huwa l-parlament nazzjonali, aktar milli l-membri individwali tiegħu, li jikkwalifika bħala "awtorità nazzjonali" skont it-tifsira tal-Artikolu 127(4) tat-Trattat u l-Artikolu 4 tal-Istatut tas-SEBĊ, u bħala "awtorità ta' Stat Membru" skont it-tifsira tad-Deċiżjoni 98/415/KE, il-BĊE jirrifjuta li jadotta opinjonijiet bi tweġiba għal konsultazzjoni minn membru wieħed jew aktar ta' parlament nazzjonali meta jkun jidher li din il-konsultazzjoni ma tkunx ġiet awtorizzata mill-parlament nazzjonali skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Huwa aċċettabbli wkoll li l-BĊE jiġi kkonsultat minn gvern nazzjonali, li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess, fuq abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi minn membri tal-parlament nazzjonali skont id-dritt nazzjonali.

## 3.2 L-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi koperti

**Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

"1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

[...]

"abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi" tfisser kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li, meta jibdew jorbtu legalment u japplikaw b'mod ġenerali fit-territorju ta' Stat Membru, jistabbilixxu regoli għal għadd indefinit ta' każi u jkunu indirizzati lil għadd indefinit ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi."

[4] Dan japplika wkoll għal każijiet fejn membri tal-parlament jipproponu emendi għal abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi proposti mill-gvern li għandhom l-effett potenzjali li jressqu l-abbozz ta' leġiżlazzjoni fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.

Skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma obbligati li jikkonsultaw lill-BĊE dwar "kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva" fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jiddefinixxi l-kunċett ta' "abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi". Din id-definizzjoni tirreferi għal dispożizzjonijiet li, ladarba jsiru jorbtu legalment u ta' applikabbiltà ġenerali fl-Istat Membru kkonċernat kollu (jew f'territorju ġeografikament distint), jistabbilixxu regoli li jkunu applikabbli f'"għadd indefinit ta' każi u jkunu indirizzati lil għadd indefinit ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi". Dan jinkludi abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi mħejjija mill-gvern, li l-adozzjoni tagħhom tbiddilhom f'dispożizzonijiet legali effettivi irrispettivament mill-perijodu ta' żmien ta' din l-effettività.

Id-definizzjoni, madankollu, ma tinkludix abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li l-għan esklussiv tagħhom huwa t-traspożizzjoni ta' direttivi tal-Unjoni fil-liġi tal-Istati Membri, kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE. Il-BĊE huwa tal-opinjoni li din l-esklużjoni ma tapplikax għal każijiet ta' traspożizzjoni li fihom il-leġiżlatur nazzjonali juża marġni ta' diskrezzjoni fit-traspożizzjoni u jaffettwa sostanzjalment l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, b'mod partikolari r-rwol u l-kompiti tal-BĊE/Eurosistema, b'mod partikolari billi jagħti kompitu ġdid lil BĊN jew jemenda sostanzjalment kompitu eżistenti ta' BĊN[5].

Barra minn hekk, l-Artikolu 25.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jiċċara li l-BĊE jista' joffri parir lil u jiġi kkonsultat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Il-BĊE ser jagħti attenzjoni debita għal jekk l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li dwarhom qed jiġi kkonsultat humiex tabilħaqq abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi kif definit fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE u ġeneralment mhux ser joħroġ opinjoni jekk dan ma jkunx il-każ.

## 3.2.1 Dispożizzjonijiet legalment vinkolanti

L-obbligu ta' konsultazzjoni lill-BĊE mhuwiex limitat għal abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li huma maħsuba biex jiġu adottati mill-parlament. Id-Deċiżjoni 98/415/KE tkopri kull tip ta' dispożizzjonijiet legalment vinkolanti, inklużi digriet liġijiet u leġiżlazzjoni sekondarja.

### Digriet liġijiet

Għall-finijiet ta' din il-Gwida "digriet liġijiet" huma dispożizzjonijiet adottati u magħmulin effettivi għal kollox minn gvern bħala kwistjoni ta' urġenza jew bżonn straordinarju. Dawn id-digriet liġijiet huma soġġetti għal ratifika u/jew emenda sussegwenti mill-parlament, li tista' ssir wara ftit jew ħafna xhur wara l-adozzjoni. Abbozzi ta' digriet liġijiet huma għaldaqstant "abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi"

5 Ara t-Taqsima 3.4 ta' din il-Gwida.

li dwarhom il-BĊE għandu jiġi kkonsultat qabel l-adozzjoni tagħhom mill-Gvern, irrispettivament mill-urġenza jew il-bżonn straordinarju[6].

### Leġiżlazzjoni sekondarja

Il-BĊE m'għandux għalfejn ikun ikkonsultat dwar kull leġiżlazzjoni sekondarja, inklużi atti legali ta' applikabbiltà ġenerali tal-BĊNi jew awtoritajiet superviżorji, li timplimenta leġiżlazzjoni primarja li taqa' fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Fid-dawl ta' l-għanijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-opinjoni tal-BĊE dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni sekondarja għandha tiġi tintalab biss jekk is-suġġett huwa relatat mill-qrib mal-ħidmiet tal-BĊE u jekk l-impatt fuq ċerti aspetti fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE huwa differenti minn dak li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni primarja nnifisha.

## 3.2.2 Emendi għall-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi

L-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat dwar emendi għall-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkunu diġà ntbagħtu lill-BĊE għal opinjoni japplika għal emendi sostantivi li jaffettwaw l-essenza tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni. Huwa utli li ssir distinzjoni bejn żewġ xenarji differenti. L-ewwel xenarju huwa fejn emendi sostantivi huma proposti fi stadju meta l-BĊE ma jkunx għadu adotta l-opinjoni tiegħu. F'sitwazzjonijiet bħal dawn il-BĊE jistenna li l-awtorità li tikkonsulta tippreżentalu l-abbozz emendat ta' dispożizzjoni leġiżlattiva kemm jista' jkun malajr, sabiex l-opinjoni tkun tista' tiġi bbażata fuq it-test l-aktar reċenti. It-tieni xenarju huwa fejn dispożizzjonijiet sostantivi ġodda huma proposti wara l-adozzjoni ta' l-opinjoni tal-BĊE. F'din l-aħħar sitwazzjoni, b'analoġija għall-ġurisprudenza tal-Qorti dwar ir-rekwiżit ta' konsultazzjoni mill-ġdid tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni emendati[7], il-BĊE għandu jiġi kkonsultat mill-ġdid fir-rigward ta' dawk l-emendi f'każijiet eċċezzjonali fejn l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jkun għadda minn bidliet sostanzjali ta' natura mhux teknika meta mqabbel mal-verżjoni li fuqha l-BĊE jkun ġie kkonsultat qabel. Madankollu, l-ebda konsultazzjoni oħra ma hija meħtieġa jekk l-emendi għandhom bħala skop essenzjali li jakkomodaw il-fehma mfissra mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu. Il-BĊE madankollu jilqa' bil-qalb li jinżamm infurmat bit-tweġiba għall-opinjonijiet tiegħu u li jirċievi dettalji ta' dawk l-emendi għal skopijiet ta' informazzjoni.

---

6 Għandu jiġi nnutat li minħabba l-urġenza u l-bżonn straordinarju inerenti fl-adozzjoni ta' digriet liġijiet skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE (ara t-taqsima 6.3 ta' din il-Gwida), l-awtorità li tikkonsulta tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien – li, f'ċirkostanzi ordinarji, ma jistax ikun inqas minn xahar – għall-BĊE biex jagħti l-opinjoni tiegħu. L-awtorità li tikkonsulta għandha, madankollu, tagħti r-raġunijiet għall-urġenza.

7 Ara l-Kawża 41/69 *ACF Chemiefarma* vs *Il-Kummissjoni* , ECLI:EU:C:1970:71, paragrafu 3; il-Kawża 817/79 *Buyl* v *Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1982:36, paragrafu 1; il-Kawża C-392/95 *Parliament* v *Council*, ECLI:EU:C:1997:289, paragrafu 15; il-Kawża C-408/95 *Eurotunnel and Others* v *SeaFrance*, ECLI:EU:C:1997:532, paragrafu 46; il-Kawża 58/01 *Océ van der Grinten NV* v *Commissioners of Inland Revenue*, ECLI:EU:C:2003:495, paragrafi 100 u 102.

## 3.3 L-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jikkonsultaw lill-BĊE dwar kull abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva "fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu skond it-Trattat". Dan ovvjament jinkludi abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw il-ħidmiet bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-SEBĊ skont l-Artikolu 127(2) tat-Trattat (i.e. id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja ta’ l-Unjoni, it-twettiq ta’ operazzjonijiet ta’ kambju fi flus barranin, iż-żamma u l-amministrazzjoni tar-riżervi barranin uffiċjali ta’ l-Istati Membri u l-promozzjoni tal-operazzjoni bla ostakoli ta’ sistemi ta’ ħlas) u l-ħidmiet taħt l-Artikolu 128 (1) tat-Trattat (i.e. il-ħruġ ta' karti tal-flus ta’ l-euro). Dan jinkludi wkoll abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw varjetà ta’ ħidmiet oħra attribwiti lis-SEBĊ skont it-Trattat, b’mod partikolari (1) il-ħidmiet speċifiċi li jikkonċernaw il-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu fi ħdan l-MSU kkonferiti lill-BĊE skont l-Artikolu 127(6) tat-Trattat; u (2) il-ġbir mill-BĊE, assistit mill-BĊNi, ta’ l-informazzjoni statistika meħtieġa sabiex jitwettqu l-ħidmiet tas-SEBĊ, u l-kontribut għall-armonizzazzjoni, fejn meħtieġ, tar-regoli u l-prattiki li jirregolaw il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta’ l-istatistika fl-aspetti fi ħdan l-oqsma ta’ kompetenza tiegħu skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ.

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jelenka għadd ta' kategoriji ta' kwistjonijiet li huma espliċitament kkunsidrati li huma fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. Il-BĊE għandu jiġi kkonsultat mill-awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi relatati ma’ dawn il-kwistjonijiet, anke jekk l-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali jolqtu biss marġinalment l-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE, mingħajr ma jkollhom impatt sostanzjali fuqhom, bil-konsegwenza li l-BĊE jiddeċiedi li ma jadottax opinjoni[8].

**Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE:**

“1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu skond it-Trattat, u partikolarment dwar:

- affarijiet monetarji,
- mezzi ta' pagament,
- banek ċentrali nazzjonali,
- il-ġbir, il-kompilazzjoni u t-tqassim ta' statistiċi monetarji, finanzjarji u bankarji, u dwar sistemi ta' pagament u bilanċ ta' pagamenti,
- sistemi ta' pagament u ftehim,
- regoli li japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji safejn jinfluwenzaw materjalment l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' swieq.

[8] Ara t-Taqsima 5 ta' din il-Gwida.

## Ħarsa mhux eżawrjenti lejn l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE

Il-kliem tal-Artikolu 2(1) u l-premessa 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE jagħmilha ċar li l-lista fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE mhijiex eżawrjenti.

Barra minn dan, u kif diskuss f’aktar dettall fil-paragrafu li jmiss, l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid li l-awtoritajiet tal-Istati Membri mhux parteċipanti taż-żona tal-euro għandhom jikkonsultaw lill-BĊE dwar kull abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva li jittratta l-istrumenti ta’ politika monetarja.

**Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE:**

“2. B'żjieda ma' dan, l-awtoritajiet ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fuq l-istrumenti ta' politika monetarja.”

Ir-raġuni għaliex id-Deċiżjoni 98/415/KE tiddistingwi b’dan il-mod bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro hija li l-istrumenti ta’ politika monetarja (pereżempju, is-sistema tar-riżervi minimi) mhumiex deċiżi aktar mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri taż-żona tal-euro. Madankollu, il-premessa 5 tad-Deċiżjoni 98/415/KE tiċċara li l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat ma jinkludix id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta’ Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro fil-kuntest ta’ l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tagħhom (pereżempju, deċiżjonijiet li jistabbilixxu rati tal-imgħax).

**Grafika 1**
Ħarsa mhux eżawrjenti lejn l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE




Sors: BĊE.

## 3.3.1 Kwistjonijiet ta’ valuta u mezzi ta’ ħlas

L-opinjonijiet tal-BĊE dwar kwistjonijiet monetarji u mezzi ta’ pagament ikopru abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar varjetà ta’ suġġetti. Dawn jinkludu, pereżempju, miżuri dwar l-introduzzjoni tal-euro (denominazzjoni mill-ġdid tal-valuta

nazzjonali, denominazzjoni mill-ġdid ta’ dejn pubbliku u privat, ipprezzar doppju, regoli ta’ tqarrib, inkluż ir-regoli tat-tqarrib ta’ pagamenti fi flus kontanti (pereżempju, għal pagamenti f’ammonti ta’ ċenteżmu wieħed jew tnejn), is-sostituzzjoni ta’ rati nazzjonali ta’ referenza, eċċ.); il-valuta legali, limitazzjonijiet fuq pagamenti fi flus kontanti, kemm inġenerali ‘l fuq minn ċerti limiti, jew ta’ natura aktar speċifika (pereżempju, fir-rigward ta’ kontribuzzjonijiet pubbliċi tal-assigurazzjoni soċjali, tranżazzjonijiet ta’ proprjetà immobbli); l-iżgurar ta’ livelli minimi tas-servizzi tal-flus kontanti minn istituzzjonijiet tal-kreditu u d-disponibilità ta’ flus kontanti fis-soċjetà b’mod aktar ġenerali; inċentivi fiskali fejn jidħol l-użu ta’ flus kontati; muniti kommemorattivi, id-drittijiet tal-awtur fir-rigward ta’ karti tal-flus u muniti; il-prevenzjoni tal-iffalsifikar; denominazzjonijiet; speċifikazzjonijiet tekniċi; riċiklaġġ; l-awtentiċità u l-verifika tal-kundizzjoni ta’ karti tal-flus u muniti; il-promozzjoni tal-mezzi diġitali ta’ pagament; u l-ħruġ ta’ flus elettroniċi.

## 3.3.2 Banek ċentrali nazzjonali

Għadd kbir ta' opinjonijiet tal-BĊE jiġu adottati fir-rigward ta’ abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-BĊNi. Dawn l-opinjonijiet jikkonċernaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw l-istatus tal-BĊNi jew il-membri tal-bord tagħhom, b’mod partikolari marbuta mal-aspetti varji ta’ l-indipendenza tal-bank ċentrali. Għadd ta’ opinjonijiet adottati jikkonċernaw l-iskemi u r-restrizzjonijiet tal-pensjonijiet tal-BĊNi, is-salarji tal-persunal tal-BĊNi u tal-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊNi, kif ukoll il-kriterji tal-ħatra għall-Gvernaturi u l-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊNi. Bosta opinjonijiet adottati jikkoċernaw ukoll il-ħidmiet u l-politika monetarja tal-BĊNi, inklużi l-konformità mal-projbizzjoni ta’ finanzjament monetarju skont l-Artikolu 123 tat-Trattat, ir-riżervi barranin tal-BĊNi, il-kollateralizzazzjoni ta’ l-operazzjonijiet ta’ kreditu tal-BĊNi u l-obbligi tar-riżervi minimi tal-BĊNi ta’ l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro. Pereżempju opinjonijiet oħrajn ittrattaw tibdil istituzzjonali għall-BĊNi u l-istatuti tagħhom, il-kontabbiltà tagħhom, pagamenti ta’ dividendi, rikapitalizzazzjoni, rapportar u verifika, il-parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali, aċċess privileġġjat, segretezza professjoanli, u aspetti oħra tar-regolament tal-attivitajiet tal-BĊNi li huma koperti fl-istatuti tal-BĊNi (pereżempju, l-għoti ta’ assistenza ta’ likwidità ta’ emerġenza). Il-BĊE ġie mitlub ta’ sikwit biex jagħti opinjonijiet dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkopru ħidmiet tal-BĊN mhux relatati mas-SEBĊ, partikolarment bil-għan li jkun ivvalutat jekk dawn il-ħidmiet humiex kompatibbli mal-projbizzjoni ta’ finanzjament monetarju u/jew l-għanijiet u l-ħidmiet tas-SEBĊ[9].

[9] Skont l-Artikolu 14.4 tal-Istatut SEBĊ, il-BĊNi huma permessi li jwettqu funzjonijiet li mhumiex dawk speċifikati fl-Istatut SEBĊ, sakemm il-Kunsill Governattiv ma jsibx li dawn jinterferixxu mal-għanijiet u l-ħidmiet tas-SEBĊ.

### 3.3.3 Il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta’ statistika monetarja, finanzjarja, bankarja, statistika dwar sistemi ta’ pagament u tal-bilanċ tal-pagamenti

Is-setgħat tal-BĊE fir-rigward tal-ġbir ta’ informazzjoni statistika huma stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98[10] jirrikjedi li l-Istati Membri kollha “jorganizzaw ruħhom fil-qasam ta’l-istatistika u [...] jikkooperaw għalkollox mas-SEBĊ sabiex jiżguraw iit-twettiq ta’ l-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 5 ta’ l-Istatut.” Il-BĊE huwa konxju li d-dispożizzjonijiet tar-rapportar ivarjaw bejn l-Istati Membri. Bħala riżultat, meta l-BĊE huwa kkonsultat dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali ta’ rapportar huwa għandu t-tendenza jagħmel kummenti li huma ta’ natura ġenerali u li huma maħsuba li jiġbdu l-attenzjoni lejn aspetti li jistgħu jitfissru b’mod aktar espliċitu fl-abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva. Il-konsultazzjonijiet rilevanti kienu jikkonċernaw, pereżempju, l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti, it-trażmissjoni ta’ data statistika bejn il-BĊE u s-SEBĊ u BĊNi li mhux taż-żona tal-euro, rekwiżiti nazzjonali ta’ rapportar statistiku dwar diversi strumenti finanzjarji u pożizzjonijiet ta’ investiment, l-ambitu tad-data li tinsab fir-reġistru tal-kreditu, ir-rapportar ta’ ċertu data għal finijiet ta’ stabbiltà finanzjarja, aċċess għar-reġistri ċentrali tal-kreditu, ir-Regolament dwar l-AnaCredit[11], u r-rwol tal-BĊNi li mhux taż-żona tal-euro fil-ġbir ta’ data statistika.

### 3.3.4 Sistemi ta’ pagament u saldu

Il-konsultazzjonijiet li saru fil-passat dwar is-sistemi ta’ pagament u saldu kienu jikkonċernaw abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi relatati ma’ diversi aspetti tal-funzjonament tas-sistemi ta’ ħlas u saldu, bħas-superviżjoni tagħhom, kontropartijiet ċentrali, finalità tas-saldu, il-bażi tas-saldu gross netta jew f’ħin reali, l-aspetti tan-netting u tal-kollateral, id-dematerjalizzazzjoni u/jew id-diġitalizzazzjoni tat-titoli, u l-impatt tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-infrastrutturi tas-suq.

### 3.3.5 Regoli applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji kemm-il darba dawn jinfluwenzaw materjalment l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq

L-Artikolu 2(1), is-sitt inċiż, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE jirriferi għall-"regoli li japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji safejn jinfluwenzaw materjalment l-istabbilità ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' swieq". Bis-saħħa tal-Artikolu 2(1), is-sitt inċiż, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE, l-Istati Membri "għandhom" jikkonsultaw lill-BĊE meta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi proposti "jinfluwenzaw materjalment" l-istabbiltà finanzjarja sakemm, kif jingħad fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-għan

---

10 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta’ tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p.8).

11 Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta’ Mejju 2016 dwar il-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2016/13) (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 44).

ewlieni tad-dispożizzjonijiet huwa t-traspożizzjoni ta' direttivi tal-Unjoni[12]. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(1), is-sitt inċiż, tad-Deċiżjoni 98/415/KE għandu jiġi kkunsidrat ukoll flimkien mal-Artikolu 25.1 tal-Istatut SEBĊ, li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri "jistgħu" jikkonsultaw lill-BĊE dwar "l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni fejn tidħol is-sorveljanza prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja."

Għadd sostanzjali ta' opinjonijiet huma adottati mill-BĊE skont l-Artikolu 2(1), is-sitt inċiż, tad-Deċiżjoni 98/415/KE. Il-BĊE adotta bosta opinjonijiet bi tweġiba għall-konsultazzjonijiet dwar emendi proposti għall-istruttura istituzzjonali tas-superviżjoni fl-Istati Membri. Kien ukoll ikkonsultat regolarment dwar emendi prinċipali għar-reġim superviżorju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, kif ukoll dwar regoli kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u r-riżoluzzjoni, ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. Il-BĊE spiss ġie kkonsultat dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni li potenzjalment jista' jkollu impatt importanti fuq is-swieq, pereżempju leġiżlazzjoni dwar arranġamenti kollaterali finanzjarji, sistemi ta' titolizzazzjoni u bonds koperti, u d-dematerjalizzazzjoni tat-titoli.

Il-BĊE adotta wkoll għadd ta' opinjonijiet fil-kuntest tal-kriżi tas-swieq finanzjarji reċenti, fejn dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali kienu mmirati biex isaħħu l-iskemi ta' garanziji ta' depożitu jew biex tiġi żgurata jew tissaħħaħ l-istabbiltà tas-suq finanzjarju.

Fl-aħħar nett, il-BĊE ġie kkonsultat dwar diversi abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li potenzjalment jaffettwaw il-moviment liberu tal-kapital, il-politika tar-rata tal-kambju (pereżempju, l-intaxxar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji), imposti jew taxxi speċjali imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u/jew finanzjarji, leġiżlazzjoni li tirristruttura t-termini u l-kondizzjonijiet ta' self ipotekarju u self privat ieħor, u abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi oħra ta' importanza ekonomika jew finanzjarja.

## 3.3.6 Superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

Fir-rigward tal-bażi legali għall-konsultazzjoni tal-BĊE dwar abbozzi nazzjonali ta' dispożizzjonijiet relatati mal-MSU, il-formulazzjoni tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE u, b'mod partikolari, ir-referenza għal regoli li "jinfluwenzaw materjalment" l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet u swieq finanzjarji, m'għandhomx jiġu kkunsidrati li jirrestrinġu l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat. Kif imsemmi hawn fuq, il-formulazzjoni tal-premessa 3 u tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE tagħmilha ċara li l-lista ta' oqsma inklużi f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar mhijiex eżawrjenti. Bit-twaqqif tal-MSU, il-kompiti prudenzjali tal-MSU huma issa inklużi fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE għall-finijiet tal-funzjoni konsultattiva tiegħu skont al-Artikolu 127(4) tat-Trattat.

Il-konsultazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jkopru s-setgħat u l-kompiti tal-ANK; l-istruttura istituzzjonali u l-governanza tal-ANK, inkluż fir-rigward tal-

---

12 Għal din tal-aħħar, ara t-Taqsima 3.4 ta' din il-Gwida.

parteċipazzjoni tagħhom fl-MSU; l-iskambju ta' informazzjoni; l-aspetti proċedurali tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħall-valutazzjoni ta' "kompetenza u idoneità" tal-membri tal-bord tal-istituzzjonijiet ta' kreditu; tariffi superviżorji; il-valutazzjoni tas-sinifikat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu; u kooperazzjoni mill-qrib ma' Stati Membri li ma adottawx l-euro.

## 3.4 Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni

**Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

"2. Abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi m'għandhomx jinkludu abbozzi ta' dispożizzjonijiet li l-għan waħdieni tagħhom huwa li direttivi tal-Komunità jkunu trasposti għal-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri."

Kif imsemmi hawn fuq, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jikkonsultaw lill-BĊE dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Komunità għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-raġunament fundamentali għal din l-eżenzjoni hija li l-BĊE kellu jkun diġà ġie kkonsultat dwar l-att legali tal-Unjoni propost skont l-Artikolu 127(4) u 282(5) tat-Trattat u għalhekk mhuwiex meħtieġ li r-rwol konsultattiv tal-BĊE jiġi estiż għal abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li purament jittrasponu dak l-att legali tal-Unjoni. Barra minn hekk, mhijiex ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni jew tal-BĊE li jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali mad-direttivi tal-Unjoni.

Il-BĊE huwa tal-opinjoni li l-istess eżenzjoni tapplika għall-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni, bl-iffaċilitar tal-applikazzjoni tagħhom, jew bl-implimentazzjoni tal-għażliet previsti għalihom, sakemm tali abozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali ma għandhomx impatt fuq kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE li huwa differenti mill-impatt tar-regolament innifsu (li dwaru l-BĊE kellu jkun diġà kkonsultat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni).

Madankollu, ir-rekwiżit li l-BĊE jiġi kkonsultat ma jistax jiġi eskluż *per se* f'każijiet fejn l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali jkollhom l-għan li jittrasponu d-direttivi (jew jimplimentaw jew japplikaw regolamenti) u fejn il-leġiżlatur nazzjonali juża marġni ta' diskrezzjoni fit-traspożizzjoni (jew fl-implimentazzjoni) lil hinn minn dak stipulat b'mod ċar mid-direttiva jew mir-regolament. Meta dak il-marġni ta' diskrezzjoni jolqot b'mod sostanzjali l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, b'mod partikolari r-rwol u l-kompiti tal-BĊE/Eurosistema/SEBĊ, b'mod partikolari billi jikkonferixxi kompitu ġdid lil BĊN jew jemenda sostanzjalment kompitu ta' BĊN eżistenti, l-obbligu ta' konsultazzjoni jipprevali (peress li t-tielet inċiż tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jirreferi għall-BĊNi). L-indipendenza tal-BĊE u/jew tal-BĊNi u l-konformità mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat jibqgħu komponent qawwi ta' kull valutazzjoni, inkluża l-valutazzjoni ta' kompiti ġodda tal-BĊN (jew emendi sostanzjali tal-kompiti eżistenti tal-BĊN) derivati minn direttivi jew regolamenti. F'dawn il-każijiet, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat u jista' jadotta opinjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonsultaw lill-

BĊE dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital[13], u l-BĊE kultant adotta opinjonijiet f’dan il-qasam abbażi tal-kompetenzi superviżorji prudenzjali tiegħu (pereżempju, dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi relatati mal-valutazzjonijiet tal-akkwist ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti f’istituzzjonijiet ta’ kreditu u valutazzjonijiet ta’ kompetenza u idoneità fir-rigward tal-persuni maħtura f’istituzzjonijiet ta’ kreditu). L-Istati Membri kkonsultaw ukoll lill-BĊE dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek[14], u l-BĊE adotta opinjonijiet, b’mod partikolari, dwar leġiżlazzjoni li fiha ngħata rwol ta’ riżoluzzjoni lil BĊN, pereżempju billi l-BĊN jinħatar bħala awtorità ta’ riżoluzzjoni jew billi jiġu pprovduti linji ta’ kreditu mill-BĊN għall-iskema ta’ garanzija tad-depożiti.

Il-BĊE, f’għadd limitat ta’ okkażjonijiet, ħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonsultawh dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jittrasponu direttivi tal-Unjoni li huma ta’ interess partikolari għas-SEBĊ. Pereżempju, dan kien il-każ tad-Direttiva dwar il-Finalità ta' Settlement[15] u d-Direttiva dwar il-Kollaterali[16] kif ukoll l-emendi sussegwenti tagħhom[17]. L-opinjonijiet tal-BĊE li jirriżultaw mill-għadd kbir ta' konsultazzjonijiet dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet immirati biex jittrasponu ż-żewġ direttivi għal-liġi nazzjonali kienu kontribuzzjonijiet utli għat-tisħiħ tal-qafas legali għall-operazzjonijiet tal-Eurosistema, kif ukoll l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Il-BĊE ħareġ ukoll opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar ir-ratifika jew l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Servizzi ta' Ħlas Postali, u ħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonsultaw lill-BĊE jekk abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali jmorru lil hinn is-sempliċi ratifika tal-Ftehim.

Kultant l-Istati Membri jikkonsultaw lill-BĊE fuq l-inizjattiva tagħhom stess dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet għat-traspożizzjoni ta' direttivi anke jekk mhumiex obbligati jew imħeġġa jagħmlu hekk, pereżempju f'oqsma fejn jikkunsidraw li l-BĊE għandu kompetenza speċifika. F'dawn il-każijiet, il-BĊE ġeneralment ikun lest iwieġeb kull konsultazzjoni formali jew informali nazzjonali volontarja u joffri gwida dwar abbozzi ta' miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni mħejjija – ankejekk ma hemm l-ebda obbligu formali li l-BĊE jiġi kkonsultat – imma biss sa fejn l-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet ikunu jeħtieġu kummenti speċifiċi fir-rigward tal-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.

---

13 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

14 Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

15 Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 1998 dwar finalità ta’ settlement fis-sistemi ta’ settlement ta’ pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

16 Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Ġunju 2002 dwar arranġament finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).

17 B’mod partikolari bid-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar finalità ta’ settlement fis-sistemi ta’ settlement ta’ pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali fir-rigward ta’ sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37) . Aktar emendi (iżgħar) ġew adottati fis-snin ta’ wara.

Il- Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) kien stabbilit f'Diċembru 2010 bħala korp ġdid mogħti l-mandat li jissorvelja r-riskju fis-sistema finanzjarja inġenerali. Huwa jista' joħroġ, fost l-oħrajn, rakkomandazzjonijiet fl-oqsma ta' komptenza tiegħu u, bis-saħħa tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], iżomm monitoraġġ ta' kif jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fid-dawl tar-rwol tal-BERS f'tali kwistjonijiet, il-BĊE mhux meħtieġ li jiġi kkonsultat dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet tal-BERS, mingħajr preġudizzju għall-obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jikkonsultaw lill-BĊE skont id-Deċiżjoni 98/415/KE kif spjegat f'din il-Gwida.

---

18 Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

# 4 Każijiet fejn il-BĊE jirrifjuta li jadotta opinjonijiet bi tweġiba għal talbiet għal konsultazzjoni

## 4.1 Ittri ta' nuqqas ta' adozzjoni

Il-BĊE mhuwiex obbligat li jadotta opinjoni u għalhekk mhux se jagħmel dan awtomatikament bi tweġiba għal kull konsultazzjoni. Madankollu, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jikkonsultaw lill-BĊE meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi inkwistjoni jolqtu biss marġinalment l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.

Il-BĊE mhux se jadotta opinjoni meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jolqtu biss marġinalment l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, mingħajr ma jkollhom impatt sostanzjali fuqhom. Is-sempliċi referenzi fl-abbozz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għal kwalunkwe wieħed mis-suġġetti elenkati fid-Deċiżjoni 98/415/KE jew bidliet purament formali jew amministrattivi għall-qafas legali rilevanti ma għandhomx neċessarjament jiskattaw opinjoni tal-BĊE.

Il-BĊE mhux se jadotta opinjoni meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jinvolvu t-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm f'din it-traspożizzjoni l-leġiżlatur nazzjonali ma jużax marġni ta' diskrezzjoni u ma jaffettwax b'mod sostanzjali l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, b'mod partikolari r-rwol u l-kompiti tal-BĊE/Eurosistema/SEBĊ, b'mod partikolari billi jagħti rwol ġdid lil BĊN jew jemenda sostanzjalment kompitu eżistenti ta' BĊN.

Il-BĊE rreveda l-ħtieġa li tiġi adottata opinjoni jekk l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jikkonferixxu kompitu ġdid fuq BĊN jew jemendaw sostanzjalment kompitu eżistenti ta' BĊN, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza *Banka Slovenije*[19]. Fid-dawl tas-sentenza *Banka Slovenije*, il-BĊE ma jadottax awtomatikament opinjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali minħabba l-fatt li din tagħti kompitu ġdid lil BĊN jew temenda sostanzjalment kompitu eżistenti ta' BĊN, sakemm il-kompitu l-ġdid ma jfixkilx l-indipendenza tal-BĊN jew jikser il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju, jew inkella ma jkollux importanza marġinali għall-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.

Meta l-BĊE jkun ġie kkonsultat formalment dwar abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva u jiddeċiedi li ma jadottax opinjoni, huwa għandu jwieġeb formalment permezz ta' ittra ta' nuqqas ta' adozzjoni indirizzata lill-awtorità li tikkonsulta. L-ittra ta' nuqqas ta' adozzjoni tagħti dettalji dwar ir-raġunijiet għaliex il-BĊE mhux qed jadotta opinjoni fil-konsultazzjoni speċifika u tista' tirreferi lill-awtorità li tikkonsulta għal opinjonijiet adottati preċedentement li huma rilevanti[20]. Dawn l-ittri kollha huma disponibbli fuq EUR-Lex.

[19] Kawża C-45/21, *Banka Slovenije*, ECLI:EU:C:2022:670.

[20] Ara, pereżempju, LET/2024/01251 and LET/2024/05161.

## 4.2 Possibbiltà ta’ talba informali

Kuntatt informali bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-BĊN rilevanti min-naħa waħda u l-persunal tal-BĊE min-naħa l-oħra jista’ jseħħ qabel is-sottomissjoni ta’ konsultazzjonijiet formali lill-BĊE, jekk l-awtorità li tikkonsulta tkun tixtieq tirċievi gwida informali mill-BĊE dwar il-ħtieġa li l-BĊE jiġi kkonsultat f’każ partikolari. Il-kuntatt mal-BĊE dwar dawn it-talbiet informali għal gwida jista’ jiġi organizzat permezz tal-BĊN rilevanti jew billi jiġu sottomessi talbiet lil: LegalActs.Team@ecb.europa.eu.

Tali talbiet informali jistgħu jgħinu biex jiġu evitati konsultazzjonijiet f’każijiet fejn ma jkunx kompletament ċar għall-awtorità li tikkonsulta jekk l-adozzjoni ta’ opinjoni tal-BĊE hijiex ġustifikata. Talba informali jeħtieġ li tkun akkumpanjata mill-abbozzi ta’ miżuri leġiżlattivi jew minn deskrizzjoni dettaljata biżżejjed tal-miżuri maħsuba.

# 5 Il-proċedura ta' konsultazzjoni

**Artikolu 4 tad-Direttiva 98/415/KE:**

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li din id-Deċiżjoni titħares sewwa. Għal dan il-għan, huwa għandu jiżgura li l-BĊE jiġi kkonsultat fi stadju xieraq sabiex l-awtorità li tkun għamlet abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva tkun tista' tqis l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu deċiżjoni fil-mertu, u li l-opinjoni tal-BĊE ssir taf biha l-awtorità li jkollha tapprova d-dispożizzjoni jekk din ta' l-aħħar ma tkunx l-istess awtorità li tkun ħejjiet dik id-dispożizzjoni."

## 5.1 Konsultazzjoni mal-BĊE fi żmien xieraq

Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat "fi stadju xieraq" fil-proċess leġiżlattiv. Dan jimplika li l-proċeduri nazzjonali għandhom jiżguraw li l-konsultazzjoni sseħħ fi stadju fil-proċess leġiżlattiv li jagħti lill-BĊE żmien biżżejjed biex jeżamina l-abbozz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (u, fejn meħtieġ jittraduċihom) u jadotta l-opinjoni tiegħu fil-lingwi kollha meħtieġa. Dan jagħmilha possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jikkunsidraw l-opinjoni tal-BĊE qabel ma d-dispożizzjonijiet jiġu adottati.

**Grafika 2**

Proċess ta' konsultazzjoni dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi




Sors: BĊE.

Meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jitħejjew minn awtorità oħra minbarra dik li tadottahom, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jeħtieġ li l-konsultazzjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet għandha sseħħ fi żmien li jagħmilha possibbli għall-awtorità

li tkun tat bidu għall-abbozz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, biex tikkunsidra jekk dawn għandhomx jiġu emendati sabiex jakkommodaw l-opinjoni tal-BĊE, i.e. qabel it-trażmissjoni tad-dispożizzjonijiet lill-awtorità li tadotta. Fl-istess ħin, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE ma jipprekludix lill-awtoritajiet nazzjonali milli jieħdu passi skont il-proċeduri leġiżlattivi tagħhom li ma jaffettwawx is-sustanza tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi.

Konsegwentement mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 98/415/KE l-Istati Membri huma obbligati li jissospendu l-proċess ta' adozzjoni tal-abbozz tad-dispożizzjoni leġiżlattiva sa ma tiġi riċevuta l-opinjoni tal-BĊE. Dan ma jfissirx li l-proċess leġiżlattiv nazzjonali sħiħ (pereżempju, xogħol preparatorju ta' kumitati permanenti parlamentari, diskussjoni ta' opinjonijiet oħra mibgħuta minn awtoritajiet nazzjonali, eċċ.) għandu jkun sospiż sa ma tingħata l-opinjoni tal-BĊE. Minflok, dan ifisser li l-awtorità li tadotta għandu jkollha l-opportunità tiddelibera b'mod sinifikanti dwar l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar is-sustanza. Jekk ikun ġie stabbilit limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-opinjoni tal-BĊE[21] u dan il-limitu ta' żmien skada, l-awtorità nazzjonali kkonċernata tista' tkompli l-proċess tal-adozzjoni. Madankollu, anke f'każ bħal dan, u sakemm il-leġiżlazzjoni ma tkunx għadha ġiet adottata, l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu obbligati li jikkunsidraw l-opinjoni tal-BĊE.

F'Ottubru 2011, il-President tal-BĊE bagħat ittra lill-awtoritajiet nazzjonali kollha li jikkonsultaw fejn fakkarhom li huma "għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw konformità effettiva mad-Deċiżjoni 98/415/KE, skont l-Artikolu 4 tagħha, billi jikkonsultaw debitament lill-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu[22] fi stadju xieraq tal-proċess leġiżlattiv". Il-President tal-BĊE rrakkomanda wkoll illi "jiġu stabbiliti proċeduri interni xierqa biex jiżguraw illi l-konsultazzjoni mal-BĊE sseħħ fi stadju xieraq, li jagħmluha possibbli għall-awtorità li tikkonsulta u/jew li tadotta li tikkunsidra l-Opinjoni tal-BĊE qabel ma tiġi adottata d-dispożizzjoni leġiżlattiva inkwistjoni. Il-konsultazzjoni mill-ġdid hija neċessarja jekk l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet jiġu emendati sostanzjalment matul il-proċess leġiżlattiv."

## 5.2 It-talba għal opinjoni

### 5.2.1 Il-forma tat-talba u d-dokumenti li jakkumpanjawha

Talba formali għal opinjoni għandha tiġi indirizzata lill-President tal-BĊE bil-miktub[23], kif rifless fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE. Il-fatt li l-President tal-BĊE jirċievi t-talba għal opinjoni jimmarka l-bidu tal-proċedura għall-adozzjoni ta' opinjoni tal-BĊE. Il-BĊE jilqa' kull informazzjoni informali fil-livell ta' persunal bejn l-awtoritajiet

21 Ara t-Taqsima 5.3 ta' din il-Gwida.

22 Dan jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li mhumiex soġġetti għal approvazzjoni parlamentari. Huma biss dawk l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jservu esklussivament għat-traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma esklużi mill-obbligu tal-konsultazzjoni.

23 Il-BĊE jinsab lest ukoll li jirċievi talbiet għal opinjoni, debitament iffirmati u indirizzati bħala dokument mehmuż skennjat, permezz ta' email lil office.president@ecb.europa.eu.

nazzjonali li jikkonsultaw u s-Servizzi Legali tal-BĊE. Madankollu, il-proċedura ta' konsultazzjoni formali tibda biss meta tiġi riċevuta t-talba formali għal opinjoni mill-President tal- BĊE.

It-talba għandha jkollha verżjoni tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li hija stabbli biżżejjed biex il-BĊE jista' jagħti opinjoni fuqha. Jekk l-abbozz tal-leġiżlazzjoni fih għadd kbir ta' dispożizzjonijiet dwar varjetà ta' kwistjonijiet, il-BĊE jirrakkomanda li l-awtorità li tikkonsulta għandha tindika d-dispożizzjonijiet li dwarhom qed jintalbu b'mod partikolari l-kummenti tal-BĊE. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi għandhom l-għan li jittrasponu jew jagħtu seħħ lil leġiżlazzjoni tal-Unjoni, imma jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet addizzjonali li jmorru lil hinn mis-sempliċi traspożizzjoni u jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.

Il-BĊE jirrakkomanda li l-awtorità li tikkonsulta għandha tehmeż memorandum ta' spjegazzjoni qasir li jiddeskrivi s-suġġett u l-għanijiet prinċipali li l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jfittxu, l-istadju milħuq fil-proċess leġiżlattiv nazzjonali u l-isem u d-dettalji tal-persuni ta' kuntatt disponibbli biex jiċċaraw kull mistoqsija dwar l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jistgħu jinqalgħu matul l-abbozzar mill-BĊE tal-opinjoni tiegħu. Il-BĊE jirrakkomanda li l-awtorità li tikkonsulta għandha tindika limitu ta' żmien għall-BĊE biex jagħti l-opinjoni tiegħu[24].

### Dokumentazzjoni mitluba għal konsultazzjonijiet nazzjonali:

| Meħtieġa | Rakkomandati |
|---|---|
| **Talba bil-miktub għal opinjoni** lill-President tal-BĊE<br>Kopja tal-**abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi** | Indikazzjoni ta' **limitu ta' żmien g**ħall-BĊE biex fih jagħti l-opinjoni tiegħu.<br>**Memorandum ta' spjegazzjoni** qasir li jsemmi:<br>• is-suġġett u l-għanijiet ewlenin tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi;<br>• l-istadju milħuq fil-proċess leġiżlattiv nazzjonali;<br>• Jekk l-abbozz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa twil/ikkumplikat, indikazzjoni tal-**abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi** li dwarhom il-kummenti tal-BĊE huma l-aktar mixtieqa.<br>• Jekk issir talba bħala kwistjoni ta' urġenza kbira, **traduzzjoni bl-Ingliż** tal-memorandum ta' spjegazzjoni u tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi prinċipali mibgħuta għall-konsultazzjoni tiffaċilita l-proċess b'mod sinifikanti. |

## 5.2.2 Il-lingwa tat-talba

It-talba għal opinjoni u d-dokumenti li jintbagħtu flimkien jistgħu jintbagħtu fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat (jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru jekk hemm aktar minn waħda). F'każijiet fejn it-talba ssir minħabba urġenza kbira[25], il-BĊE japprezza li jirċievi wkoll traduzzjoni bl-Ingliż tal-memorandum ta' spjegazzjoni u tal-abbozz ta' dispożizzjonijiet prinċipali mibgħut għall-konsultazzjoni, biex tiġi żgurata proċedura ta' konsultazzjoni bla xkiel. Dan jieħu kont tal-fatt li l-Ingliż huwa l-lingwa tax-xogħol tal-BĊE, kif ukoll il-lingwa għall-adozzjoni tal-opinjonijiet mill-Kunsill Governattiv bil-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali. Dan jippermetti wkoll li l-BĊE jibda jaħdem fuq l-opinjonijiet minnufih wara li jkun irċieva t-talba għal opinjoni,

[24] Ara t-Taqsima 5.3 ta' din il-Gwida.

[25] Ara t-Taqsima 5.3 ta' din il-Gwida.

mingħajr ma jkollu jistenna għat-traduzzjonijiet. Madankollu, it-talba għal opinjoni tal-BĊE ma għandhiex tiddewwem minħabba n-nuqqas ta' tali traduzzjoni.

## 5.3 Limiti ta' żmien

**Artikolu 3 tad-Direttiva 98/415/KE:**

1. "L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu jagħtu, jekk iqisu li jkun meħtieġ, terminu lill-BĊE biex jibgħat l-opinjoni tiegħu fi żmien li ma jkunx inqas minn xahar mid-data li fiha l-President ta' l-BĊE jirċievi avviż dwar dan.

2. F'każ ta' urġenza tassew kbira, it-terminu ta' żmien jista' jitnaqqas. F'dak il-każ, l-awtorità li tikkonsulta għandha tagħti r-raġunijiet għall-urġenza.

3. L-BĊE jista', meta jkun il-waqt, jitlob li t-terminu ta' żmien jitwal sa erba' ġimgħat oħra. Dik it-talba m'għandiex tkun miċħuda mingħajr raġuni mill-awtorità konsultata.

4. Jekk meta jagħlaq it-terminu ta' żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorità nazzjonali li kkonsultat m'għandhiex tinżamm milli tkompli taġixxi. Iżda jekk l-opinjoni ta' l-BĊE tintbagħat wara t-terminu ta' żmien, Stati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4 jsiru jafu biha."

Filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE ma tistabbilixxix limitu ta' żmien għall-adozzjoni ta' opinjoni tal-BĊE, l-esperjenza wriet li l-perjodu standard għal adozzjoni ta' opinjoni tal-BĊE hija ta' madwar sitt ġimgħat. Iżda, il-proċess jista' jdum iktar[26] u ż-żmien attwalment meħtieġ għall-adozzjoni ta' opinjoni ovvjament ivarja skont in-natura, il-kumplessità u s-sensittività tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi kkonċernati.

Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-"awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu jagħtu, jekk iqisu li jkun meħtieġ, terminu lill-BĊE biex jibgħat l-opinjoni tiegħu". Madankollu, dan il-limitu ta' żmien ma jistax ikun anqas minn xahar mid-data li fiha l-President ta' l-BĊE jirċievi avviż dwar dan.

L-esperjenza wriet li l-Istati Membri xi kultant jinterpretaw ħażin dan il-limitu ta' żmien ta' xahar minimu bħala l-istandard massimu tal-limitu ta' żmien. F'ħafna każijiet, it-tħejjija u l-adozzjoni ta' opinjonijiet tal-BĊE jeħtieġu ż-żmien għat-tħejjija tal-verżjoni bl-Ingliż tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, il-koordinament tax-xogħol tal-oqsma tad-diviżjonijiet kompetenti tal-BĊE involuti fl-abbozzar tal-opinjoni, u sabiex jaslu u jittieħed kont tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-Gvernaturi tal-BĊN fil-proċedura bil-miktub. Għadd ta' opinjonijiet li jappartjenu għall-isfera superviżorja jinvolvu wkoll il-konsultazzjoni tal-Bord Superviżorju, qabel is-sottomissjoni tal-abbozz ta' opinjoni lill-Kunsill Governattiv għall-adozzjoni finali.

---

26 Ara aktar 'l isfel f'din it-taqsima.

Fil-prattika, perijodu ta' xahar wera li huwa pjuttost qasir. Il-possibbiltà għall-awtoritajiet li jikkonsultaw li jiffissaw limitu ta' żmien għalhekk għandu jkun ristrett għal każijiet fejn hemm bżonn urġenti għall-awtoritajiet nazzjonali li jirċievu l-opinjoni tal-BĊE fi żmien xahar. Kif itenni ta' spiss il-BĊE fl-opinjonijiet tiegħu, il-fatt li l-proċess leġiżlattiv nazzjonali jkun wasal fi stadju avvanzat mhijiex raġuni suffiċjenti għall-awtoritajiet li jikkonsultaw biex jeħtieġu l-adozzjoni urġenti tal-opinjoni tal-BĊE.

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, f'każijiet ta' urġenza kbira l-limitu ta' żmien jista' jitqassar. F'dawn il-każijiet eċċezzjonali ħafna, l-awtorità li tikkonsulta għandha ssemmi b'mod ċar ir-raġunijiet għall-urġenza tal-kwistjoni. L-awtoritajiet li jikkonsultaw huma mħeġġa jsegwu l-gwida fil-premessa 6 tad-Deċiżjoni 98/415/KE li tgħid li djalogu bejn l-awtoritajiet li jikkonsultaw u l-BĊE għandu jippermetti lill-BĊE li jagħti l-opinjoni tiegħu fil-ħin f'każijiet urġenti mingħajr preġudizzju li jkun jista' jeżamina l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fid-dettall meħtieġ. Kif innotat fit-Taqsima 5.2.1 u 5.2.2 ta' din il-Gwida, il-BĊE japprezza wkoll li jirċievi traduzzjoni bl-Ingliż tal-memorandum ta' spjegazzjoni u tal-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi mibgħuta għall-konsultazzjoni. Madankollu, it-talba għal opinjoni tal-BĊE ma għandhiex tiddewwem minħabba n-nuqqas ta' tali traduzzjoni.

Skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, fejn ikun ġie stabbilit limitu ta' żmien mill-awtorità li tikkonsulta, il-BĊE jista' jitlob li dan il-limitu ta' żmien jiġi estiż imma għal mhux aktar minn erba' ġimgħat addizzjonali. L-Artikolu 3(3) jgħid li din it-talba m'għandhiex tinċaħad mingħajr raġuni mill-awtorità li tikkonsulta.

L-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid illi "[j]ekk meta jagħlaq it-terminu ta' żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorità nazzjonali li kkonsultat m'għandhiex tinżamm milli tkompli taġixxi". Dan ifisser li ladarba l-limitu ta' żmien jiskadi, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jkomplu bil-proċedura għall-adozzjoni tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni, li tkun ġiet sospiża waqt il-konsultazzjoni mal-BĊE. Madankollu, sakemm il-leġiżlazzjoni ma tkunx għadha ġiet adottata finalment, l-awtorità li tikkonsulta tibqa' obbligata li tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE (u tgħarraf lill-awtorità li tadotta dwarha, jekk din tal-aħħar hija entità differenti).

## 5.4 Rikonoxximent tal-irċevuta

Malli l-BĊE jirċievi t-talba għal opinjoni, tintbagħat notifika ta' riċevuta lill-awtorità li tikkonsulta fl-istess lingwa tat-talba għal opinjoni.

Id-dokumenti li jkunu magħhom u t-traduzzjoni bl-Ingliż jintbagħtu lill-membri tal-Kunsill Governattivi u lill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE fil-mument taċ-ċirkolazzjoni tal-abbozz tal-opinjoni.

## 5.5 Tħejjija u adozzjoni tal-opinjoni tal-BĊE

Wara li jirċievi t-talba għal opinjoni, il-BĊE jistabbilixxi bord biex jabbozza opinjoni. Dan il-bord jinkludi esperti mill-oqsma tax-xogħol rilevanti għas-suġġett tal-

konsultazzjoni. Skont fatturi bħan-natura, il-kumplessità u t-tul tal-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi, kif ukoll id-disponibbiltà tagħhom bl-Ingliż, iż-żmien meħtieġ għall-abbozzar ivarja minn ftit jiem għal medja ta’ madwar sitt ġimgħat. Jittieħed kont ukoll ta’ raġunijiet iġġustifikati għat-talba għal adozzjoni (estremament) urġenti tal-opinjoni meta titħejja l-opinjoni tal-BĊE.

Opinjoni hija strument legali tal-BĊE u, bħala regola, il-Kunsill Governattiv huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-opinjonijiet tal-BĊE. Il-membri tal-Kunsill Ġenerali huma involuti wkoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex jikkontribwixxu għall-funzjoni konsultattiva tal-BĊE. Għaldaqstant, wara li jitlesta l-abbozzar u wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Bord Eżekuttiv, l-abbozz tal-opinjoni jintbagħat lill-Kunsill Governattiv għall-kummenti u lill-membri tal-Kunsill Ġenerali għall-osservazzjonijiet. Din hija proċedura bil-miktub li ġeneralment iddum madwar ġimgħa.

Biex l-opinjonijiet tal-BĊE jiġu addottati fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu, il-Kunsill Governattiv jista’ jikkonsulta wkoll lil Bord Superviżorju.

Meta jiġu riċevuti l-kummenti u/jew l-osservazzjonijiet, l-abbozz tal-opinjoni huwa rivedut mill-BĊE u rriferut għal iktar kummenti u osservazzjonijiet bi proċedura oħra bil-miktub ta' ftit jiem tax-xogħol. Madankollu, il-limitu taż-żmien biex isiru kummenti u osservazzjonijiet f'din it-tieni proċedura bil-miktub jista' jvarja, skont in-natura tal-konsultazzjoni u l-għadd u l-kumplessità ta' kummenti riċevuti fl-ewwel proċedura bil-miktub. Fit-tieni proċedura bil-miktub, il-membri tal-Kunsill Ġenerali u tal-Kunsill Governattiv is-soltu jipprovdu biss kummenti jew osservazzjonijiet dwar l-emendi introdotti fl-abbozz tal-opinjoni rivedut.

L-awtoritajiet li jikkonsultaw huma mistiedna li jqisu l-kumplessità tal-proċess ta' konsultazzjoni meta jistabbilixxu l-limiti ta’ żmien għas-sottomissjoni ta’ opinjoni tal-BĊE.

## 5.6 Ir-reġim lingwistiku

Opinjonijiet mitluba minn awtorità nazzjonali huma adottati fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru inkwistjoni (jew fl-istess lingwa tat-talba għal opinjoni jekk l-Istat Membru għandu aktar minn lingwa uffiċjali waħda) u bl-Ingliż.

## 5.7 Trażmissjoni tal-opinjoni u l-eżami tagħha fil-fond

Wara l-adozzjoni, l-opinjoni hija trażmessa lill-awtorità li tikkonsulta. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid li l-awtorità li tikkonsulta għandha "tqis l-opinjoni ta' l-BĊE qabel ma tieħu deċiżjoni fil-mertu" u jipprovdi wkoll li hija għandha tressaq l-opinjoni tal-BĊE għall-attenzjoni tal-awtorità li tadotta jekk din tal-aħħar tkun awtorità li ma tkunx l-awtorità li tikkonsulta.

Wara t-tlestija tal-proċess leġiżlattiv, il-BĊE japprezza li jirċievi kopja tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, kif adottati finalment. Il-BĊE jirrakkomanda li, fejn abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi kienu soġġetti għal konsultazzjoni tal-BĊE, kopja ta' jew referenza għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi għandha tintbagħat lis-Segretarjat tal-BĊE mill-awtorità li tikkonsulta.

## 5.8 Pubblikazzjoni

Il-Kunsill Governattiv estenda gradwalment il-politika tiegħu ta’ trasparenza fir-rigward tal-konsultazzjonijiet nazzjonali. Minn Ġunju 2020, l-opinjonijiet kollha tal-BĊE, flimkien ma’ ittri li jirrifjutaw li jadottaw opinjonijiet tal-BĊE bi tweġiba għal talbiet għal konsultazzjoni jew li jidentifikaw każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità mill-awtoritajiet nazzjonali bid-dmir tagħhom li jikkonsultaw lill-BĊE dwar abbozz ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali, huma ppubblikati fuq EUR-Lex. Fuq talba tal-awtorità li tikkonsulta u sakemm ikun hemm raġunijiet speċifiċi biex ma tiġix ippubblikata minnufih, l-opinjoni tiġi ppubblikata mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni tagħha. Il-pubblikazzjoni tardiva tal-opinjonijiet hija, fil-prattika, rari ħafna.

### 5.8.1 It-taqsima tal-BĊE fuq EUR-Lex

It-taqsima tal-BĊE fuq EUR-Lex tipprovdi aċċess rapidu u faċli għall-opinjonijiet kollha tal-BĊE fil-lingwi rilevanti. Minn hemm, l-utent jista’ jibbrawżja skont is-suġġetti skont l-oqsma ta’ kompetenza tal-BĊE. Tieqa ta’ ħarsa ġenerali turi l-aktar atti legali ppubblikati reċentement, u hija disponibbli wkoll lista sħiħa ta’ atti legali elenkati skont id-data, li tipprovdi l-għażla li jiġu ffiltrati l-opinjonijiet tal-BĊE. Infografiċi interattivi juru statistika relatata mal-opinjonijiet tal-BĊE u jipprovdu aċċess faċli għall-kompilazzjonijiet skont it-tip ta’ atti, suġġetti u tul iż-żmien. Il-funzjonalitajiet ta’ tiftix disponibbli jippermettu t-tiftix għal opinjonijiet tal-BĊE bl-użu ta’ kliem ewlieni, in-numru tad-dokument, is-sena jew kriterji oħra. Huwa possibbli li wieħed ikollu aċċess għall-verżjoni Ingliża kif ukoll bil-lingwa nazzjonali ta’ kull opinjoni, biex wieħed jara r-relazzjoni tagħha ma’ dokumenti oħra u l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni ta’ kull opinjoni. Is-sit web tal-BĊE fih ukoll informazzjoni u gwida utli dwar l-użu tal-EUR-Lex.

**Grafika 3**

It-taqsima tal-BĊE fuq il-paġna web tal-bidu tal-EUR-Lex




**Grafika 4**

L-opinjonijiet u l-ittri kollha tal-BĊE jistgħu jinstabu fit-taqsima tal-BĊE fuq EUR-Lex.



**Grafika 5**

L-atti legali jistgħu jiġu ristretti skont il-karatteristiċi tagħhom (tip ta' att muri hawnhekk) billi jintużaw il-filtri fuq in-naħa tax-xellug tal-paġna tar-riżultati



# 6 Konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat

Biex ikun żgurat li l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat jitħares, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa "sabiex jiżgura(w) li (...) titħares sewwa" id-Deċiżjoni 98/415/KE. Is-SEBĊ tosserva mill-qrib żviluppi leġiżlattivi domestiċi dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-kompetenza tal-BĊE. Is-SEBĊ regolarment iżżomm ukoll monitoraġġ u tirrapporta dwar il-konformità mill-awtoritajiet nazzjonali mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat dwar dawn l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi. Barra minn hekk, wara li jkun stabbilixxa li l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat dwar l-abbozzi ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tiegħu jkun inkiser, il-BĊE jinnotifika lill-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva u lill-Gvernatur tal-BĊN tal-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.

Każijiet fejn ikun ċar li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat huma importanti jew ripetittivi għandhom jiġu inklużi wkoll fir-Rapport Annwali tal-BĊE. Tali każijiet ta' nuqqas ta' konformità huma "ċari" meta oġġettivament ma jkun hemm l-ebda dubju legali li l-BĊE kellu jiġi kkonsultat. Każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat huma "importanti" (a) meta, kieku l-konsultazzjoni seħħet kif suppost, il-BĊE kien jagħmel kummenti kritiċi sinifikanti dwar is-sustanza tal-proposta leġiżlattiva, jew (b) meta n-nuqqas ta' konformità jkun ta' sinifikat ġenerali għas-SEBĊ. Għal dan l-għan, każijiet ta' nuqqas ta' konsultazzjoni dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jikkonferixxu kompitu ġdid lil BĊN jew jemendaw sostanzjalment kompitu eżistenti ta' BĊN jitqiesu li huma ta' sinifikat ġenerali għas-SEBĊ. Din il-fehma dwar is-sinifikat ġenerali tenfasizza li huwa importanti li awtoritajiet nazzjonali jibqgħu, fil-prinċipju, meħtieġa jikkonsultaw lill-BĊE meta jseħħ tali għoti jew emenda (peress li l-Artikolu 2(1), it-tielet inċiż, tad-Deċiżjoni 98/415/KE jirreferi għall-BĊNi), minkejja l-prinċipji ssottolinjati fit-Taqsima 4 ta' din il-Gwida fir-rigward tan-nuqqas ta' adozzjoni tal-opinjonijiet tal-BĊE. Fl-aħħar nett, każ ikun "ripetittiv" meta l-istess Stat Membru jkun naqas milli jikkonsulta lill-BĊE f'mill-inqas tliet okkażjonijiet fi żmien sentejn konsekuttivi, fejn mill-inqas okkażjoni waħda bħal din ta' nuqqas ta' konsultazzjoni taqa' fl-iktar sena reċenti kkunsidrata.

Finalment, il-BĊE jilqa' li jinżamm infurmat dwar it-tweġiba għall-opinjonijiet tiegħu u li jirċievi dettalji ta' dawk l-emendi għal skopijiet ta' informazzjoni.

# 7 Konsegwenzi legali minħabba nuqqas ta’ konformità mal-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat

In-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' konsultazzjoni mal-BĊE dwar abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva fi ħdan l-oqsma ta’ kompetenza tiegħu huwa ksur tad-Deċiżjoni 98/415/KE u jista’ jwassal għal proċedimenti ta’ ksur quddiem il-Qorti. Proċeduri bħal dawn jistgħu jitressqu mill-Kummissjoni kontra l-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 258 tat-Trattat[27] jew minn Stat Membru ieħor taħt l-Artikolu 259 tat-Trattat. L-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat skont id-Deċiżjoni 98/415/KE huwa preċiż, ċar u bla ebda kundizzjoni, li jfisser li individwi jistgħu joqogħdu fuqha quddiem il-qrati nazzjonali. Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali jistgħu jintalbu jiddeċiedu dwar il-validità jew l-infurzabbiltà ta’ dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr konsultazzjoni mal-BĊE[28]. Fl-aħħar nett, il-qrati nazzjonali jistgħu jagħmlu lill-Qorti, skont l-Artikolu 267 tat-Trattat, għal domanda preliminari dwar jekk dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr konsultazzjoni mal-BĊE hijiex valida u infurzabbli. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar hija l-Qorti li għandha tiddetermina l-konsegwenzi legali skont id-dritt tal-Unjoni ta’ nuqqas ta’ konformità minn Stat Membru mad-dmir li jikkonsulta lill-BĊE dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-Qorti ntalbet ripetutament biex tiddeċiedi dwar l-infurzabbiltà ta’ dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea, kif mitlub minn atti tal-Komunità speċifiċi[29]. F’xi wħud minn dawn il-każijiet, li kollha jikkonċernaw il-proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi (issa stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], li ħassret id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]), il-Qorti ddeċidiet li dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni titqies li ġiet adottata bi ksur ta’ rekwiżit proċedurali sostanzjali u, bħala

---

27 Jekk BĊN li għandu setgħat regolatorji jonqos milli jikkonsulta skont d-Deċiżjoni 98/415/KE, il-BĊE nnifsu jista' jibda proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 271, il-punt (d), tat-Trattat u l-Artikolu 35.6 tal-Istatut tas-SEBĊ.

28 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti Suprema Ċiprijotta tal-15 ta’ Settembru 2015 fil-Kawżi Konġunti Nru 1551–1571/2011.

29 Ara, inter alia, Kawża 174/84, *Bulk Oil* v *Sun International*, ECLI:EU:C:1986:60; Kawża C-194/94*, CIA Security International* v *Signalson and Securitel*, ECLI:EU:C:1996:172; Kawża C-226/97, *Lemmens*, ECLI:EU:C:1998:296; Kawża C-235/95, *AGS Assedic Pas-de-Calais*, ECLI:EU:C:1998:365; Kawża C-443/98, *Unilever*, ECLI:EU:C:2000:496; Kawża C-159/00, *Sapod Audic*, ECLI:EU:C:2002:343; Kawża C-303/04, *Lid Italia*, ECLI:EU:C:2005:528.

30 Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

31 Direttiva (UE) 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ l-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p.37).

tali, ma hijiex infurzabbli kontra individwi[32]. Hija wkoll ġurisprudenza tal-Qorti stabbilita sew li r-rimedji kollha disponibbli normalment fil-liġi nazzjonali għandhom ikunu miftuħa għal litiganti li jridu jinfurzaw talbiet skont id-dritt tal-Unjoni[33]. F'dawk l-Istati Membri fejn l-individwi għandhom id-dritt li jibdew proċedimenti sabiex jannullaw dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali abbażi ta' difett proċedurali serju, l-individwi jista' jkollhom ukoll id-dritt li jfittxu li jannullaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali adottati bi ksur ta' obbligu proċedurali essenzjali tad-dritt tal-Unjoni, bħal ma hi l-konsultazzjoni minn qabel mal-BĊE.

---

32 Ara l-Kawża C-303/04, *Lidl Italia*, ECLI:EU:C:2005:528, li min-naħa tagħha tirreferi għall-Kawża C-194/94, *CIA Security International* v *Signalson and Securitel*, ECLI:EU:C:1996:172; il-Kawża C-226/97, *Lemmens*, ECLI:EU:C:1998:296; ara wkoll il-Kawża C-443/98, *Unilever*, ECLI:EU:C:2000:496; u l-Kawża C-159/00, Sapod Audic, ECLI:EU:C:2002:343. Fil-fehma tal-Qorti, fir-rigward tal-istandards u r-regolamenti tekniċi introdotti mil-liġi nazzjonali, l-obbligu ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni huwa maħsub biex jipproteġi, permezz ta' kontroll preventiv, il-moviment liberu tal-merkanzija, li huwa wieħed mill-pedamenti tal-Unjoni: għalhekk dan l-obbligu huwa essenzjali biex l-Istati Membri ma jitħallewx joħolqu ostakli tekniċi u ostakli għall-moviment liberu fis-suq uniku.

33 Ara, pereżempju l-Kawża 158/80, *Rewe*, ECLI:EU:C:1981:163; il-Kawża C-228/98, *Dounias*, ECLI:EU:C:2000:65.

# Anness

## Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi[34]

### Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 105(4) tiegħu u l-Artikolu 4 tal-Protokoll tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness miegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [35],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[36],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Istitut Monetarju Ewropew[37],

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 106(6) tat Trattat u fl-Artikolu 42 tal-Protokoll imsemmi,

(1) Billi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ikun stabbilit malli jinħatar il-Bord Eżekuttiv tiegħu;

Billi t-Trattat jistipula li awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu; billi huwa l-Kunsill li għandu jistabbilixxi l-limiti u l-kondizzjonijiet ta' din il-konsultazzjoni;

(3) Billi dan l-obbligu ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jikkonsultaw mal-BĊE m'għandux ikun ta' ħsara għar-responsabbiltà ta' dawn l-awtoritajiet għall-affarijiet li huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet bħal dawn; billi Stati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz leġiżlattiv fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat; billi l-lista ta' oqsma partikolari li hemm fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni mhix eżawrjenti; billi s-sitt inċiż ta' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa mingħajr ħsara għat-tqassim preżenti ta' kompetenzi għal politika li għandha x'taqsam ma' superviżjoni meqjusa ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(4) Billi Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB) u ta' l-BĊE jagħtu tifsira tal-funzjonijiet monetarji u l-operazzjonijiet ta' l-ESCB; billi l-banek ċentrali ta'

---

34 ĠU L 189, 3.7.1998, p. 42.

35 ĠU C 118, 17.4.1998, p. 11.

36 ĠU C 195, 22.6.1998.

37 Opinjoni mogħtija fis-6 ta' April 1998 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Stati Membri parteċipanti huma parti integrali mill-ESCB u għandhom jaġixxu skond il-linji-gwida u l-istruzzjonijiet ta' l-BĊE; billi, fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU), l-awtoritajiet ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fuq l-istrumenti ta' politika monetarja;

(5) Billi sakemm Stati Membri ma jipparteċipawx fil-politika monetarja ta' l-ESCB, din id-Deċiżjoni ma tolqotx deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri fil-qafas tat-twettiq tal-politika monetarja tagħhom;

(6) Billi konsultazzjoni mal-BĊE m'għandhiex ittawwal bla bżonn proċeduri għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fl-Istati Membri; billi ż-żmien li fih l-BĊE għandu jagħti l-opinjoni tiegħu għandu jgħinu, madankollu, biex jeżamina bl-attenzjoni kollha t-testi mibgħuta lilu; billi f'każijiet ġustifikati kif imiss ta' urġenza tassew kbira, li għalihom għandha tingħata raġuni, bħal eżempju, minħabba s-sensitività tas-suq, Stati Membri jistgħu jistabbilixxu terminu ta' żmien li jkun inqas minn xahar u li jkun jixhed l-urġenza tas-sitwazzjoni; billi l-aktar f'dawn il-każijiet, djalogu bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-BĊE għandu jgħin biex jitqiesu l-interessi taż-żewġ naħat;

(7) Billi, skond il-paragrafi 5 u 8 tal-Protokoll Nru 11, anness mat-Trattat, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jekk u sakemm dak l-Istat Membru ma jgħaddix għat-tielet stadju ta' l-EMU;

(8) Billi, mid-data tat-twaqqif ta' l-BĊE sal-bidu t-tielet stadju ta' l-EMU, awtoritajiet nazzjonali ghandhom jikkonsultaw mal-BĊE, skond id-Deċiżjoni 93/717/KE[38]u l-Artikolu 109l(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

"Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-munità waħdanija skond it-Trattat;

"abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi" tfisser kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li, meta jibdew jorbtu legalment u japplikaw b'mod ġenerali fit-territorju ta' Stat Membru, jistabbilixxu regoli għal għadd indefinit ta' każijiet u jkunu indirizzati lil għadd indefinit ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

2. Abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi ma għandhomx jinkludu abbozzi ta' dispożizzjonijiet li l-għan waħdieni tagħhom huwa li direttivi tal-Komunità jkunu trasposti għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

---

[38] ĠU L 332, 31.12.1993, p. 14.

### Artikolu 2

1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu skont it-Trattat, u b'mod partikolari dwar:

- affarijiet monetarji,
- mezzi ta' pagament,
- banek ċentrali nazzjonali,
- il-ġbir, il-kompilazzjoni u t-tqassim ta' statistika monetarja, finanzjarja u bankarja, statistika dwar sistemi ta' pagament u bilanċ ta' pagamenti,
- sistemi ta' pagament u saldu,
- regoli li japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji dment li jinfluwenzaw materjalment l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji u swieq.

2. Flimkien ma' dan, l-awtoritajiet ta' Stati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva dwar strumenti ta' politika monetarja.

3. Malli l-BĊE jirċievi abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, huwa għandu jgħarraf lill-awtorità li tikkonsultah jekk, fl-opinjoni tiegħu, dik id-dispożizzjoni hijiex fil-qasam ta' kompetenza tiegħu.

### Artikolu 3

1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu jagħtu, jekk iqisu li jkun meħtieġ, terminu lill-BĊE biex jibgħat l-opinjoni tiegħu fi żmien li ma jkunx inqas minn xahar mid-data li fiha l-President ta' l-BĊE jirċievi avviż dwar dan.

2. F'każ ta' urġenza tassew kbira, it-terminu ta' żmien jista' jitnaqqas. F'dak il-każ, l-awtorità li tikkonsulta għandha tagħti r-raġunijiet għall-urġenza.

3. L-BĊE jista', meta jkun il-waqt, jitlob li t-terminu ta' żmien jitwal sa erba' ġimgħat oħra. Dik it-talba m'għandiex tkun miċuda mingħajr raġuni mill-awtorità konsultata.

4. Jekk meta jagħlaq it-terminu ta' żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorità nazzjonali li kkonsultat m'għandhiex tinżamm milli tkompli taġixxi. Jekk l-opinjoni tal-BĊE tiġi riċevuta wara t-terminu ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4 jsiru jafu biha.

### Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura konformità effettiva ma' din id-Deċiżjoni. Għal dan il-għan, huwa għandu jiżgura li l-BĊE jiġi kkonsultat fi stadju xieraq sabiex l-awtorità li tkun tat bidu għall-abbozz ta'

dispożizzjoni leġiżlattiva tkun tista' tqis l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha fil-mertu u li l-opinjoni riċevuta mill-BĊE ssir taf biha l-awtortità li jkollha tapprova d-dispożizzjoni jekk din ta' l-aħħar ma tkunx l-istess awtorità li ħejjiet id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kkonċernati.

### Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar, 1999.

2. Id-Deċiżjoni 93/717/KE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 1999.

### Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju, 1998.

Għall-Kunsill Il-President

R. COOK

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2025**

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefown +49 69 1344 0
Sit webwww.ecb.europa.eu

Id-drittijiet kollha huma riżervati. Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa dment li jissemma s-sors.

Għat-terminoloġija speċifka, jekk jogħġbok irreferi għall-glossarju tal-BĊE (disponibbli bl-Ingliż biss).

PDF ISBN 978-92-899-7141-6, doi:10.2866/6116638, QB-01-25-092-MT-N